**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 28 ta' Novembru 2024**

**Kawża Numru: 22**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 882/2024 JVC**

**Caren Fiteni (K.I. 0399978M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Caren Fiteni talbet kif isegwi:

1. 'Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, li jġib in-numru tlett elef u disa' mija u disgħa u disgħin tas-sena elf u disa' mija u tmienja u sebgħin (3999/1978) taħt il-kolonna 'Tagħrif fuq it-tarbija – Ismijiet mogħtijin', hemm żball fis-sens illi l-isem tar-rikorrenti ġie ndikat bħala **Caren**, Josephine, Rose minflok **Karen,** Josephine, Roes filwaqt illi taħt il-kolonna 'Tagħrif fuq il-tarbija – Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ' hemm żball fis-sens illi isem tar-rikorrenti ġie indikat bħala Caren minflok Karen u dana hekk kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala **Dok A. (enfasi miżjuda)**;

2. Illi r-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bħala Karen u mhux Caren u dejjem iffirmat b'dak il-mod;

3. Illi r-rikorrenti permezz tal-istanti kawża trid li ssir d-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat uffiċċjali tat-twelid hawn fuq imsemmi u dana ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv tlett elef u disa' mija u disgħa u disgħin tas-sena elf u disa' mija u tmienja u sebgħin (3999/1978) u dana fis-sens li ssir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif fuq it-Tarbija – Ismijiet mogħtijin', u dana sabiex l-isem Caren, Josephine, Rose jiġi sostitwit u korreġut b'dak ta' Karen, Josephine, Rose;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv tlett elef u disa' mija u disgħa u disgħin tas-sena elf u disa'

mija u tmienja u sebgħin (3999/1978) u dana fis-sens li ssir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif fuq it-Tarbija – Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ' u dana sabiex l-isem Caren jiġi sostwit u kkoreġut b'dak ta' Karen;

3. Tordna l-korezzjoni tal-att taż-żwieġ bin-numru progressiv elfejn u mitejn u sittin tas-sena elf u disa' mija u disgħa u disgħin (2260/1999), u dana fis-sens illi ssir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif dwar il-mara – Isem u Kunjom' u dan sabiex l-isem Caren Debono jiġi sostwit u kkoreġut b'dak ta' Karen Debono;

4. Tordna l-korezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru progressiv elf u disa' mija u tmienja u disgħin tas-sena elfejn u erbgħa (1398/2004) u dana fis-sens illi ssir korrezzjoni fil-kolonna taħt l-intestatura 'Tagħrif fuq l-Omm – Isem u Kunjom' u dan sabiex l-isem Caren jiġi sostwit u kkoreġut b'dak ta' Karen.

U dan taħt dawn il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-inġunzjoni tal-intimat *nomine* għas-subizzjoni illi għaliha huwa minn issa qed jiġi nġunt.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent qiegħed jirrileva li, minkejja li fit-tielet u r-raba' talba tagħha qiegħda titlob korrezzjoni fuq l-Att taż-Żwieġ tagħha, kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid ta' bintha 'Cee Jaye nee' Fiteni', fejn hija imniżżla bħala l-mara u l-omm rispettivament, ir-rikorrenti naqset milli tippreżenta kopja ta' dawn iż-żewġ Atti ta' Stat Ċivili mar-rikors promotur tagħha, u għaldaqstant, fl-interess tal-ġudizzju, l-esponent qiegħed jippreżenta kopja ta l-istess Atti, annessi u mmarkati bħala '**Dok. DRP 1'** u '**Dok. DRP 2**' rispettivament;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

4. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

5. Illi minn dak li jirriżulta jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **3999/1978**, jidher li r-rikorrenti 'Caren nee' Debono' twieldet ġewwa Malta nhar it-tletin (30) ta' Lulju 1978 lill 'Ignazio Debono' u 'Carmen *wife of the said* Ignazio Debono', fiż-żwieġ;

**6.** Illi taħt il-kolonna 'Ismijiet mogħtija' ġew indikati l-ismijiet 'Caren, Josephine, Rose', filwaqt li taħt il-kolonna 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjah' ġie ndikat l-isem 'Caren'. Dana skont kif iddikjara d-dettalji fil-mument tat-twelid missier ir-rikorrenti u ċioe' 'Ignazio Debono' u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

**7.** Illi sussegwentament, ir-rikorrenti ġiet indikata bl-istess isem fuq l-Att taz-Żwieġ tagħha bin-numru **2260/1999**, kif ukoll fuq l-Att tat-Twelid ta' bintha (bħala l-omm) bin-numru **1398/2004**;

**8.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għat-talbiet kollha magħmulha mill-attriċi, jekk

din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta sal-grad rikjest mill-liġi li l-attriċi, għal kuntrarju ta dak li hu mniżżel fl-atti pubbliċi suċitati, ċioe, l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **3999/1978,** l-Att taz-Żwieġ tagħha bin-numru **2260/1999,** u l-Att tat-Twelid ta' bintha (bħala l-omm) bin-numru **1398/2004**, hija verament **kienet u għadha** konsistentement magħrufa u imsejħa bl-isem **'Karen'** u mhux bl-isem **'Caren'**;

9. Illi in vista tal-fatt li l-ismijiet **'Caren'** u **'Karen'** jiġu pronunzjati bl-istess mod, ir-rikorrenti għandha ġġib prova dokumentarja quddiem din l-Onorabbli Qorti li isimha dejjem inkiteb bħala **'Karen'**;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 6 tal-proċess b'dana li l-eċċezzjoni tad-Direttur intimat dwar ir-rigward ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita kemm mar-rikors ġuramentat, kif ukoll u partikolarment b'nota sussegwenti li

permess tagħha ġew eżebiti sitt affidavits tal-istess rikorrenti u ta' familjari u ħbieb tar-rikorrenti. Minn dawn l-affidavits joħroġ debitament ippruvat illi r-rikorrenti sa minn dejjem kienet maagħrufa bl-isem ta' 'Karen' jibda bl-ittra 'K' u mhux kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid 'Caren'.

Illi in vista ta' dan kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

4. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta;

5. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fiċ-ċirkostanzi stante li d-Direttur intimat ma kellu l-ebda htija fil-każ odjern l-ispejjeż a karigu tal-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**28 ta' Novembru 2024**